Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0093(COD)

10.10.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali
(COM(2023)0185 – C9-0128/2023 – 2023/0093(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Assita Kanko

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 26

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali
(COM(2023)0185 – C9-0128/2023 – 2023/0093(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0185),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(1)(b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0128/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għat-talbiet kollha maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti kriminali. ***Il-proċedimenti kriminali huma kunċett***	(7) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għat-talbiet kollha maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minkejja l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jibda minn meta l-persuni jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li huma suspettati jew akkużati li wettqu reat sal-konklużjoni ta' dawk il-proċedimenti, li għandu jinftiehem bħala d-determinazzjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-drittijiet proċedurali kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħall-Karta, id-Direttivi dwar id-drittijiet proċedurali 2010/64/EU[54] , 2012/13/EU[55] , 2013/48/EU[56] , (EU) 2016/343[57] , (EU) 2016/800[58] u (EU) 2016/1919[59] .	(20) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-drittijiet proċedurali kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħall-Karta, id-Direttivi dwar id-drittijiet proċedurali 2010/64/EU[54] , 2012/13/EU[55] , 2013/48/EU[56] , (EU) 2016/343[57] , (EU) 2016/800[58] u (EU) 2016/1919[59] . ***L-awtorità rikjedenti jenħtieġ li tiżgura li d-drittijiet proċedurali taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali jiġu rispettati meta jintalab trasferiment ta' proċedimenti kriminali taħt dan ir-Regolament.***
[54] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).	[54] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).
[55] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi	[55] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi

proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[56] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[57] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[58] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[59] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[56] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[57] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[58] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[59] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Meta l-***persuna suspettata*** jew akkużata ***tkun ċittadin*** tal-Istat rikjest jew ***residenti*** f'dak l-Istat, it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali jista' jkun	(25) Meta l-***persuni suspettati*** jew ***akkużati jkunu ċittadini*** tal-Istat rikjest jew ***residenti*** f'dak l-Istat, it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali jista' jkun

iġġustifikat biex jiġi żgurat id-dritt tal-***persuna suspettata*** jew akkużata li tkun preżenti waqt il-proċess, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/343. Bl-istess mod, meta l-***maġġoranza tal-***vittmi jkunu ċittadini jew residenti fl-Istat rikjest, it-trasferiment jista' jkun iġġustifikat biex il-vittmi jkunu jistgħu jipparteċipaw faċilment fil-proċedimenti kriminali u biex jiġu eżaminati b'mod effettiv bħala xhieda matul il-proċedimenti. F'każijiet fejn il-konsenja ta' persuna suspettata jew akkużata li għaliha jkun inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew tiġi rrifjutata fl-Istat rikjest għar-raġunijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, trasferiment jista' jkun iġġustifikat ukoll meta dik il-persuna tkun preżenti fl-Istat rikjest għalkemm ma tkunx ċittadin ta' dak l-Istat jew residenti fih.

iġġustifikat biex jiġi żgurat id-dritt tal-***persuni suspettati*** jew ***akkużati*** li ***jkunu*** preżenti waqt il-proċess, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/343. Bl-istess mod, meta l-vittmi jkunu ċittadini jew residenti fl-Istat rikjest, it-trasferiment jista' jkun iġġustifikat biex il-vittmi jkunu jistgħu jipparteċipaw faċilment fil-proċedimenti kriminali u biex jiġu eżaminati b'mod effettiv bħala xhieda matul il-proċedimenti. F'każijiet fejn il-konsenja ta' persuna suspettata jew akkużata li għaliha jkun inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew tiġi rrifjutata fl-Istat rikjest għar-raġunijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, trasferiment jista' jkun iġġustifikat ukoll meta dik il-persuna tkun preżenti fl-Istat rikjest għalkemm ma tkunx ċittadin ta' dak l-Istat jew residenti fih.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Hija r-responsabbiltà tal-awtorità rikjedenti li tivvaluta abbażi tal-materjal quddiemha, jekk ikunx hemm raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-persuna suspettata, akkużata jew il-vittma tirrisjedi fl-Istat rikjest. Meta l-informazzjoni disponibbli tkun limitata, tali valutazzjoni tista' tkun ukoll is-suġġett ta' konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti. Diversi ċirkostanzi oġġettivi li jistgħu jindikaw li l-persuna kkonċernata stabbiliet iċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħha fi Stat Membru partikolari jew li għandha l-intenzjoni li tagħmel dan, jistgħu jkunu ta' rilevanza. Raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li persuna tkun residenti fi Stat rikjest jeżistu, b'mod partikolari, meta persuna tkun irreġistrata bħala residenti fl-Istat rikjest, minħabba li jkollha karta tal-	(26) Hija r-responsabbiltà tal-awtorità rikjedenti li tivvaluta abbażi tal-materjal quddiemha, jekk ikunx hemm raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-persuna suspettata, akkużata jew il-vittma tirrisjedi fl-Istat rikjest. Meta l-informazzjoni disponibbli tkun limitata, tali valutazzjoni tista' tkun ukoll is-suġġett ta' konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet rikjedenti u dawk rikjesti. Diversi ċirkostanzi oġġettivi li jistgħu jindikaw li l-persuna kkonċernata stabbiliet iċ-ċentru abitwali tal-interessi tagħha fi Stat Membru partikolari jew li għandha l-intenzjoni li tagħmel dan, jistgħu jkunu ta' rilevanza. Raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li persuna tkun residenti fi Stat rikjest jeżistu, b'mod partikolari, meta persuna tkun irreġistrata bħala residenti fl-Istat rikjest, minħabba li jkollha karta tal-

identità, permess ta’ residenza, jew reġistrazzjoni f’reġistru uffiċjali ta’ residenza. Meta dik il-persuna ma tkunx irreġistrata fl-Istat rikjest, ir-residenza tista’ tiġi indikata mill-fatt li persuna wriet l-intenzjoni li tistabbilixxi ruħha f’dak l-Istat Membru jew tkun kisbet, wara perjodu stabbli ta’ preżenza f’dak l-Istat Membru, ċerti konnessjonijiet ma’ dak l-Istat Membru li huma ta’ grad simili għal dawk li jirriżultaw mill-istabbiliment ta’ residenza formali f’dak l-Istat Membru. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f’sitwazzjoni speċifika, hemmx biżżejjed konnessjonijiet bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat rikjest li jwasslu għal bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi f’dak l-Istat, huwa meħtieġ li jitqiesu diversi fatturi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta’ dik il-persuna, li jinkludu, b’mod partikolari, it-tul, in-natura u l-kundizzjonijiet tal-preżenza tagħha fl-Istat rikjest jew il-konnessjonijiet familjari jew ekonomiċi li dik il-persuna jkollha mal-Istat rikjest. Vettura rreġistrata, ir-reġistrazzjoni ta’ numru tat-telefown, kont bankarju, il-fatt li s-soġġorn tal-persuna fl-Istat rikjest ma kienx interrott jew fatturi oġġettivi oħra, jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ddeterminat li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi fl-Istat rikjest. Żjara qasira, żjara ta’ btala, inkluż f’villeġġatura, jew soġġorn simili fl-Istat rikjest mingħajr ebda rabta sostanzjali ulterjuri jenħtieġ li ma jkunx biżżejjed biex tiġi stabbilita r-residenza f’dak l-Istat Membru. ***Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li soġġorn mhux interrott ta’ mill-inqas tliet xhur fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jitqies bħala suffiċjenti biex tiġi stabbilita r-residenza.***	identità, permess ta’ residenza, jew reġistrazzjoni f’reġistru uffiċjali ta’ residenza. Meta dik il-persuna ma tkunx irreġistrata fl-Istat rikjest, ir-residenza tista’ tiġi indikata mill-fatt li persuna wriet l-intenzjoni li tistabbilixxi ruħha f’dak l-Istat Membru jew tkun kisbet, wara perjodu stabbli ta’ preżenza f’dak l-Istat Membru, ċerti konnessjonijiet ma’ dak l-Istat Membru li huma ta’ grad simili għal dawk li jirriżultaw mill-istabbiliment ta’ residenza formali f’dak l-Istat Membru. Sabiex jiġi ddeterminat jekk, f’sitwazzjoni speċifika, hemmx biżżejjed konnessjonijiet bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat rikjest li jwasslu għal bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi f’dak l-Istat, huwa meħtieġ li jitqiesu diversi fatturi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta’ dik il-persuna, li jinkludu, b’mod partikolari, it-tul, in-natura u l-kundizzjonijiet tal-preżenza tagħha fl-Istat rikjest jew il-konnessjonijiet familjari jew ekonomiċi li dik il-persuna jkollha mal-Istat rikjest. Vettura rreġistrata, ir-reġistrazzjoni ta’ numru tat-telefown, kont bankarju, il-fatt li s-soġġorn tal-persuna fl-Istat rikjest ma kienx interrott jew fatturi oġġettivi oħra, jistgħu jkunu rilevanti biex jiġi ddeterminat li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata tirrisjedi fl-Istat rikjest. Żjara qasira, żjara ta’ btala, inkluż f’villeġġatura, jew soġġorn simili fl-Istat rikjest mingħajr ebda rabta sostanzjali ulterjuri jenħtieġ li ma jkunx biżżejjed biex tiġi stabbilita r-residenza f’dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-persuni suspettati jew akkużati jew il-vittmi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ***jitolbu li*** l-proċedimenti kriminali li jirrigwardawhom ***jiġu*** ttrasferiti lil Stat Membru ieħor. Madankollu, jenħtieġ li dawn it-***talbiet*** ma jimponu l-ebda obbligu fuq l-awtorità rikjedenti jew rikjesta biex titlob jew tittrasferixxi proċedimenti kriminali. Jekk l-awtoritajiet isiru konxji tal-proċedimenti kriminali paralleli abbażi ta' ***talba ta'*** trasferiment ippreżentata mill-persuna suspettata jew akkużata, jew mill-vittma, jew minn avukat f'isimha, allura huma jkunu obbligati jikkonsultaw lil xulxin f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI.	(29) Il-persuni suspettati jew akkużati jew il-vittmi jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ***jissuġġerixxu li*** l-proċedimenti kriminali li jirrigwardawhom ***ikunu*** ttrasferiti lil Stat Membru ieħor. Madankollu, jenħtieġ li dawn is-***suġġerimenti*** ma jimponu l-ebda obbligu fuq l-awtorità rikjedenti jew rikjesta biex titlob jew tittrasferixxi proċedimenti kriminali. Jekk l-awtoritajiet isiru konxji tal-proċedimenti kriminali paralleli abbażi ta' ***suġġeriment għal*** trasferiment ippreżentata mill-persuna suspettata jew akkużata, jew mill-vittma, jew minn avukat f'isimha, allura huma jkunu obbligati jikkonsultaw lil xulxin f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-awtorità rikjedenti jenħtieġ li tinforma mill-aktar fis possibbli lill-persuna suspettata jew akkużata dwar it-trasferiment maħsub u jenħtieġ li tipprevedi l-possibbiltà li tali persuna tesprimi l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jqisu l-interessi leġittimi tagħhom qabel ma joħorġu talba għal trasferiment. Meta tivvaluta l-interess leġittimu tal-persuna suspettata jew akkużata li tiġi infurmata dwar it-trasferiment maħsub, l-awtorità rikjedenti jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni u r-riskju li jiġu kompromessi l-proċedimenti kriminali kontra dik il-persuna, pereżempju kull meta jkun meħtieġ li jiġi	(30) L-awtorità rikjedenti jenħtieġ li tinforma mill-aktar fis possibbli lill-persuna suspettata jew akkużata dwar it-trasferiment maħsub u jenħtieġ li tipprevedi l-possibbiltà li tali persuna tesprimi l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jqisu l-interessi leġittimi tagħhom qabel ma joħorġu talba għal trasferiment. Meta tivvaluta l-interess leġittimu tal-persuna suspettata jew akkużata li tiġi infurmata dwar it-trasferiment maħsub, l-awtorità rikjedenti jenħtieġ li tqis il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni u r-riskju li jiġu kompromessi l-proċedimenti kriminali kontra dik il-persuna, pereżempju kull meta jkun meħtieġ li jiġi

ssalvagwardjat interess pubbliku importanti, bħal f'każijiet fejn tali informazzjoni tista' tippreġudika investigazzjonijiet sigrieti li jkunu għaddejjin jew tagħmel ħsara serja lis-sigurtà nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu nbdew il-proċedimenti kriminali. Meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx tista' ssib lill-persuna suspettata jew akkużata minkejja l-isforzi raġonevoli tagħha, l-obbligu li tinforma lil tali persuna jenħtieġ li japplika mill-mument li jinbidlu dawn iċ-ċirkostanzi.	ssalvagwardjat interess pubbliku importanti, bħal f'każijiet fejn tali informazzjoni tista' tippreġudika investigazzjonijiet sigrieti li jkunu għaddejjin jew tagħmel ħsara serja lis-sigurtà nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu nbdew il-proċedimenti kriminali. Meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx tista' ssib ***jew tikkuntattja*** lill-persuna suspettata jew akkużata minkejja l-isforzi raġonevoli tagħha, l-obbligu li tinforma lil tali persuna jenħtieġ li japplika mill-mument li jinbidlu dawn iċ-ċirkostanzi.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu japplika fil-każijiet kollha ta' trasferiment tal-proċedimenti kriminali fl-Unjoni ***minn meta persuna tkun ġiet identifikata bħala persuna suspettata***.	2. Dan ir-Regolament għandu japplika fil-każijiet kollha ta' trasferiment tal-proċedimenti kriminali fl-Unjoni ***rigward persuni suspettati***.
	Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "vittma" tfisser vittma kif iddefinita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2012/29/UE.	(6) "vittma" tfisser vittma kif iddefinita fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2012/29/UE***, jew persuna ġuridika, kif definita mil-liġi nazzjonali, li tkun sofriet ħsara jew telf ekonomiku bħala riżultat dirett ta' reat kriminali li huwa s-suġġett ta' proċedimenti kriminali li għalihom japplika dan ir-Regolament***.
	Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istat rikjest għandu jkollu ġuriżdizzjoni fuq kwalunkwe reat li għalih ikun applikabbli d-dritt tal-Istat rikjedenti, f'sitwazzjonijiet fejn:	1. ***Sakemm il-ġurisdizzjoni ma tkunx diġà prevista mil-liġi nazzjonali tal-Istat rikjest,*** għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istat rikjest għandu jkollu ġuriżdizzjoni fuq kwalunkwe reat li għalih ikun applikabbli d-dritt tal-Istat rikjedenti, f'sitwazzjonijiet fejn:

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-ġuriżdizzjoni stabbilita mill-Istat rikjest esklużivament bis-saħħa tal-paragrafu 1 tista' tiġi eżerċitata biss skont talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.	2. Il-ġuriżdizzjoni stabbilita mill-Istat rikjest esklużivament bis-saħħa tal-paragrafu 1 tista' tiġi eżerċitata biss skont talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ***skont dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-eżekuzzjoni tas-sentenza fl-Istat rikjest x'aktarx ittejjeb il-prospetti għar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata jew ikun hemm raġunijiet oħra għal eżekuzzjoni aktar xierqa tas-sentenza fl-Istat rikjest;	***imħassar***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri laħqu, wara l-konsultazzjonijiet diretti taħt id-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI, kunsens dwar il-konċentrazzjoni tal-proċedimenti fi Stat Membru wieħed.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-persuna suspettata jew akkużata, jew ***il-maġġoranza tal-***vittmi , jew avukat f'isimhom, jistgħu ***jitolbu wkoll*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjedenti ***jew tal-Istat rikjest biex jibdew proċedura għat-trasferiment*** tal-proċedimenti kriminali skont dan ir-Regolament. ***It-talbiet*** magħmula skont dan il-paragrafu ma għandhomx joħolqu obbligu għall-Istat rikjedenti jew rikjest li jitlob jew jittrasferixxi proċedimenti kriminali lill-Istat rikjest.	3. Il-persuna suspettata jew akkużata, jew ***vittma waħda jew aktar***, jew avukat f'isimhom, jistgħu***, skont il-liġi proċedurali nazzjonali, jikkuntattjaw*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjedenti jew tal-Istat rikjest ***b'suġġeriment biex jittrasferixxu*** l-proċedimenti kriminali taħt ***il-kundizzjonijiet ta'*** dan ir-Regolament. ***Jekk tali suġġeriment tal-persuna suspettata jew akkużata, jew tal-vittmi jsir lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti, dik l-awtorità tista' tiddeċiedi li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest skont l-Artikolu 15(2). Is-suġġerimenti*** magħmula skont dan il-paragrafu ma għandhomx joħolqu obbligu għall-Istat rikjedenti jew rikjest li jitlob jew jittrasferixxi proċedimenti kriminali lill-Istat rikjest. ***Jekk l-awtorità rikjedenti tiddeċiedi li tittrasferixxi l-proċedimenti kriminali wara suġġeriment taħt dan il-paragrafu, id-deċiżjoni dwar it-talba għal trasferiment tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjest.***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tinħareġ talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, l-awtorità rikjedenti għandha, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, tqis kif xieraq l-interessi leġittimi tal-persuna suspettata jew akkużata ***u tiżgura li d-drittijiet proċedurali tagħha skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali jiġu rrispettati***.	1. Qabel ma tinħareġ talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, l-awtorità rikjedenti għandha, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, tqis kif xieraq l-interessi leġittimi tal-persuna suspettata jew akkużata.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sakemm dan ma jimminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, il-persuna suspettata jew akkużata ***għandha***, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, tiġi infurmata bit-trasferiment maħsub tal-proċedimenti kriminali, b'lingwa li tifhem, u għandha tingħata l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub, sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab minkejja li jsiru sforzi raġonevoli mill-awtorità rikjedenti. Meta l-awtorità rikjedenti tqis li jkun meħtieġ fid-dawl tal-età jew tal-kundizzjoni fiżika jew mentali tal-persuna suspettata jew akkużata, ir-rappreżentant legali tagħha għandu jingħata l-opportunità li jiddikjara l-opinjoni tagħha. Meta t-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ssegwi ***talba*** mill-persuna suspettata jew akkużata skont l-Artikolu 5(3), tali konsultazzjoni mal-persuna	2. Sakemm dan ma jimminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, ***jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, u biss fejn xieraq skont iċ-ċirkostanzi tal-każ,*** il-persuna suspettata jew akkużata ***li tkun diġà ġiet innotifikata li hija suspettata jew akkużata li wettqet reat***, ***tista'*** f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, tiġi infurmata bit-trasferiment maħsub tal-proċedimenti kriminali, b'lingwa li tifhem, u għandha tingħata l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub, sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab ***jew tiġi kkuntattjata*** minkejja li jsiru sforzi raġonevoli mill-awtorità rikjedenti. Meta l-awtorità rikjedenti tqis li jkun meħtieġ fid-dawl tal-età jew tal-kundizzjoni fiżika jew mentali tal-persuna suspettata jew akkużata, ir-rappreżentant legali tagħha għandu jingħata l-opportunità li jiddikjara

suspettata jew akkużata li tkun għamlet it-talba ma tkunx meħtieġa.	l-opinjoni tagħha. Meta t-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ssegwi ***suġġeriment*** mill-persuna suspettata jew akkużata skont l-Artikolu 5(3), tali konsultazzjoni mal-persuna suspettata jew akkużata li tkun għamlet it-talba ma tkunx meħtieġa.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-opinjoni msemmija fil-paragrafu 2 ***tal-***persuna suspettata jew akkużata għandha titqies mill-awtorità rikjedenti meta tiddeċiedi jekk għandhiex titlob it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.	3. L-opinjoni msemmija fil-paragrafu 2 ***għandha tingħata, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li l-*** persuna suspettata jew akkużata ***tkun ġiet mistiedna tagħmel dan u*** għandha titqies mill-awtorità rikjedenti meta tiddeċiedi jekk għandhiex titlob it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-opinjoni negattiva tal-persuna suspettata jew akkużata fir-rigward tat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ma għandhiex tipprevjeni tali trasferiment jekk l-awtorità rikjesta tiddeċiedi li taċċettah skont l-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-awtorità rikjedenti għandha, sakemm dan ma jimminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, tinforma minnufih lill-persuna suspettata jew akkużata b'lingwa li tinftiehem minn din tal-aħħar, dwar il-ħruġ tat-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali u l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut sussegwenti tat-trasferiment mill-awtorità rikjesta, sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab minkejja li jsiru sforzi raġonevoli mill-awtorità rikjedenti. Jekk l-awtorità rikjesta tkun iddeċidiet li taċċetta t-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tiġi infurmata wkoll dwar id-dritt tagħha għal rimedju legali fl-Istat rikjest, inkluż dwar it-termini għal tali rimedju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sakemm dan ma jimminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni***, u meta l-vittma tkun tirrisjedi*** fl-Istat rikjedenti, ***din*** għandha, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, tiġi informata bit-trasferiment intenzjonat tal-proċedimenti kriminali, b'lingwa li tifhem, u għandha tingħata l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub. Meta l-awtorità rikjedenti tikkunsidra li dan ikun meħtieġ fid-dawl tal-età tal-vittma jew tal-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, dik l-opportunità għandha tingħata lir-rappreżentant legali tal-vittma.	2. Sakemm dan ma jimminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni***jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, vittmi li jkunu jirrisjedu*** fl-Istat rikjedenti, ***u li talbu li jirċievu l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 6(1)(a) tad-Direttiva 2012/29/UE*** għandhom, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, ***u biss fejn xieraq skont iċ-ċirkostanzi tal-każ,***jiġu informati bit-trasferiment intenzjonat tal-proċedimenti kriminali, b'lingwa li jifhmu, u għandhom jingħataw l-opportunità li jiddikjaraw l-opinjoni tagħhom bil-fomm jew bil-miktub. Meta l-awtorità rikjedenti tikkunsidra li dan ikun meħtieġ fid-dawl

tal-età tal-vittma jew tal-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, dik l-opportunità għandha tingħata lir-rappreżentant legali tal-vittma.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-opinjoni msemmija fil-paragrafu 2 ***tal-vittma*** għandha titqies mill-awtorità rikjedenti meta tiddeċiedi jekk għandhiex titlob it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.	3. L-opinjoni ***tal-vittma*** msemmija fil-paragrafu 2 għandha titqies mill-awtorità rikjedenti meta tiddeċiedi jekk għandhiex titlob it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali. ***L-opinjoni negattiva tal-vittma fir-rigward tat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ma għandhiex tipprevjeni tali trasferiment jekk l-awtorità rikjesta tiddeċiedi li taċċettah skont l-Artikolu 12.***

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 12(1), l-awtorità rikjedenti għandha, sakemm ma timminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni, tinforma minnufih lill-vittma li tkun qed tirrisjedi fl-Istat rikjedenti, b'lingwa li tinftiehem mill-vittma, dwar il-ħruġ tat-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali u l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut sussegwenti tat-trasferiment mill-awtorità rikjesta. Jekk l-awtorità rikjesta tkun aċċettat it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, il-vittma għandha tiġi infurmata wkoll dwar id-dritt tagħha għal rimedju legali disponibbli fl-Istat rikjest,	***imħassar***

inkluż dwar it-termini għal tali rimedju.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Dritt għal rimedju legali	
1. Il-persuni suspettati, il-persuni akkużati, u l-vittmi għandu jkollhom id-dritt għal rimedji legali effettivi fl-Istat rikjest kontra deċiżjoni li jiġi aċċettat it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.	
2. Id-dritt għal rimedju legali għandu jiġi eżerċitat quddiem qorti fl-Istat rikjest f'konformità mad-dritt tiegħu.	
3. Il-limitu ta' żmien massimu biex jintalab rimedju legali ma għandux ikun itwal minn 20 jum mid-data tal-wasla tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 12(1).	
4. Meta t-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali tinħareġ wara l-ħruġ tal-att tal-akkuża tal-persuna suspettata jew akkużata, l-invokazzjoni ta' rimedju legali kontra deċiżjoni li jiġi aċċettat it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali għandu jkollha effett sospensiv.	
5. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar ir-rimedji legali mitluba skont dan l-Artikolu.	

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali għandha ssir permezz ***taċ-ċertifikat*** stabbilit fl-Anness. L-awtorità rikjedenti għandha tiffirma ***iċ-ċertifikat*** u għandha tiċċertifika l-kontenut tiegħu bħala akkurat u korrett.	1. It-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali għandha ssir permezz tal-***formola tat-talba*** stabbilita fl-Anness. L-awtorità rikjedenti għandha tiffirma ***l-formola tat-talba*** u għandha tiċċertifika l-kontenut tagħha bħala akkurata u korretta.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) informazzjoni dwar atti jew miżuri proċedurali b'effett fuq il-proċedimenti kriminali li jkunu twettqu fl-Istat rikjedenti;	(f) informazzjoni dwar atti jew miżuri proċedurali b'effett fuq il-proċedimenti kriminali li jkunu twettqu fl-Istat rikjedenti***, inkluż kwalunkwe miżura ta' koerċizzjoni temporanja li tkun għaddejja u l-limitu ta' żmien għall-applikazzjoni ta' tali miżura***;

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Iċ-ċertifikat*** mimli msemmi fil-paragrafu 1 u, fejn ikun miftiehem hekk mal-awtorità rikjesta, kwalunkwe informazzjoni oħra bil-miktub li takkumpanja t-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, għandhom jiġu tradotti b'lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest jew bi kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat rikjest jaċċetta f'konformità mal-Artikolu 30(1)(c).	5. ***Il-formola tat-talba*** mimlija msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn ikun miftiehem hekk mal-awtorità rikjesta, kwalunkwe informazzjoni oħra bil-miktub li takkumpanja t-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, għandhom jiġu tradotti b'lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest jew bi kwalunkwe lingwa oħra li l-Istat rikjest jaċċetta f'konformità mal-Artikolu 30(1)(c).

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti bid-deċiżjoni motivata tagħha msemmija fil-paragrafu 1 fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk l-Istat rikjest ma jkollux ġuriżdizzjoni fuq ir-reat***. Tali*** ġuriżdizzjoni ***tista' tirriżulta wkoll*** mill-Artikolu 3.	(f) jekk l-Istat rikjest ma jkollux ġuriżdizzjoni fuq ir-reat ***inkluża*** ġurisdizzjoni ***li tirriżulta*** mill-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsultazzjonijiet ***jistgħu*** jsiru wkoll qabel ma tinħareġ it-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, b'mod partikolari bil-għan li jiġi ddeterminat jekk it-trasferiment ikunx jaqdi l-interessi tal-amministrazzjoni effiċjenti u xierqa tal-ġustizzja. Sabiex tipproponi t-trasferiment tal-proċedimenti kriminali mill-Istat rikjedenti, l-awtorità rikjesta ***tista'*** tikkonsulta wkoll mal-awtorità rikjedenti dwar il-possibbiltà li tinħareġ talba għat-trasferiment tal-	2. Il-konsultazzjonijiet ***għandhom*** isiru wkoll qabel ma tinħareġ it-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, b'mod partikolari bil-għan li jiġi ddeterminat jekk it-trasferiment ikunx jaqdi l-interessi tal-amministrazzjoni effiċjenti u xierqa tal-ġustizzja. Sabiex tipproponi t-trasferiment tal-proċedimenti kriminali mill-Istat rikjedenti, l-awtorità rikjesta ***għandha*** tikkonsulta wkoll mal-awtorità rikjedenti dwar il-possibbiltà li tinħareġ talba għat-trasferiment tal-

proċedimenti kriminali.	proċedimenti kriminali.
	Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. It-talbiet għall-konsultazzjonijiet għandhom jitwieġbu mingħajr dewmien.	4. It-talbiet għall-konsultazzjonijiet għandhom jitwieġbu mingħajr dewmien ***żejjed***.
	Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Informazzjoni li għandha tingħata lill-persuna suspettata u akkużata
	1. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 12(1) biex taċċetta t-trasferiment ta' proċedimenti kriminali, l-awtorità rikjesta għandha, sakemm ma timminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, tinforma immedjatament lill-persuna suspettata jew akkużata, f'lingwa li dik is-suspettata jew persuna tifhem, dwar il-ħruġ tat-talba għat-trasferiment ta' proċedimenti kriminali sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi lokalizzata jew ikkuntattjata. L-awtorità rikjesta għandha tipprovdi lill-persuna suspettata jew akkużata b'kopja tad-deċiżjoni motivata li taċċetta t-trasferiment tal-proċedimenti. L-awtorità rikjesta għandha tinforma wkoll lill-persuna suspettata jew akkużata, sakemm dak is-suspettat jew il-persuna ma jistgħux jinstabu jew jiġu kkuntattjati,

dwar id-dritt tagħhom għal rimedju legali effettiv fl-Istat rikjest inkluż dwar il-limiti ta' żmien għal tali rimedju. Fejn xieraq, l-awtorità rikjesta tista' tfittex l-assistenza tal-awtorità rikjedenti sabiex twettaq il-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu.

2. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 12(3) biex tirrifjuta t-trasferiment ta' proċedimenti, l-awtorità rikjedenti għandha, sakemm ma timminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, tinforma lill-persuna suspettata jew akkużata, mingħajr dewmien żejjed, f'lingwa li jifhmu, dwar il-ħruġ tat-talba għal trasferiment ta' proċedimenti kriminali u r-rifjut sussegwenti tat-trasferiment mill-awtorità rikjesta, sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi lokalizzata jew ikkuntattjata. Fejn xieraq, l-awtorità rikjedenti tista' tfittex l-assistenza tal-awtorità rikjesta sabiex twettaq il-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15b
	Informazzjoni li għandha tingħata lill-vittma
	1. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 12(1) biex taċċetta t-trasferiment ta' proċedimenti u sakemm ma timminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, l-awtorità rikjesta għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-vittma li talbet li tirċievi informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali skont id-Direttiva

2012/29/UE, f'lingwa li dik il-vittma tifhem, dwar il-ħruġ tat-talba għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali u l-aċċettazzjoni sussegwenti tat-trasferiment mill-awtorità rikjesta, sakemm dik il-vittma ma tkunx tista' tiġi lokalizzata jew ikkuntattjata. L-awtorità rikjesta għandha tinforma wkoll lill-vittma dwar id-dritt tagħha għal rimedju legali effettiv fl-Istat rikjest inkluż fir-rigward tal-limiti ta' żmien għal tali rimedju. Fejn xieraq, l-awtorità rikjesta tista' tfittex l-assistenza tal-awtorità rikjedenti sabiex twettaq il-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu.

2. Meta l-awtorità rikjesta tkun ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 12(3) biex tirrifjuta t-trasferiment ta' proċedimenti, l-awtorità rikjedenti għandha, sakemm ma timminax il-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni jew inkella tippreġudika l-investigazzjoni, tinforma lill-vittma li talbet li tirċievi informazzjoni dwar il-proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE, f'lingwa li dik il-vittma tifhem, dwar il-ħruġ tat-talba għal trasferiment ta' proċedimenti kriminali u r-rifjut sussegwenti tat-trasferiment mill-awtorità rikjesta, sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tiġi lokalizzata jew ikkuntattjata. Fejn xieraq, l-awtorità rikjedenti tista' tfittex l-assistenza tal-awtorità rikjesta sabiex twettaq il-kompiti msemmija f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 15c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15c
	Dritt għal rimedju legali effettiv
	1. Il-persuni suspettati, il-persuni

akkużati, u l-vittmi għandu jkollhom id-dritt għal rimedji legali effettivi fl-Istat rikjest kontra deċiżjoni li jiġi aċċettat it-trasferiment tal-proċedimenti kriminali.

2. Id-dritt għal rimedju legali effettiv għandu jiġi eżerċitat quddiem qorti fl-Istat rikjest f'konformità mad-dritt tiegħu. Il-qorti għandha teżamina l-validità tad-deċiżjoni li taċċetta t-trasferiment ta' proċedimenti kriminali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, inklużi l-Artikoli 5 u 13.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li s-suspettati, il-persuni akkużati, u l-vittmi jkollhom ukoll id-dritt ta' aċċess għall-fajl kif ukoll kwalunkwe dritt proċedurali ieħor li huwa meħtieġ biex jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv. L-aċċess għall-fajl għandu jkun limitat għad-dokumenti relatati mat-trasferiment ta' proċedimenti kriminali u meħtieġa biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv.

4. Il-limitu ta' żmien massimu biex jintalab rimedju legali effettiv ma għandux ikun itwal minn 14-il jum mid-data tal-wasla tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni dwar it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali msemmija fl-Artikolu 5. Il-qorti fl-Istat rikjest għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rimedju legali mingħajr dewmien żejjed u, fejn possibbli, fi żmien 60 jum.

5. Fejn ir-rimedju legali mfittex jirnexxi, il-proċedimenti kriminali jerġgħu lura jew jibqgħu fl-Istat rikjedenti, sakemm il-qorti fl-Istat rikjest ma tiddeċiedix mod ieħor.

6. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar ir-rimedji legali effettivi mfittxija taħt dan l-Artikolu u dwar ir-riżultat finali tagħhom fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-mument meta tittieħed id-deċiżjoni dwar ir-rimedji legali.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jikkoordina, wara t-trasferiment tal-proċedimenti kriminali, mal-awtorità mitluba, u bl-involviment bikri tal-Eurojust, dwar miżuri provviżorji meħuda qabel it-trasferiment.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***rikjesta*** għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar il-waqfien tal-proċedimenti kriminali jew dwar kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fi tmiem il-proċedimenti kriminali, inkluż jekk dik id-deċiżjoni, skont id-dritt nazzjonali tal-Istat rikjest, tipprojbixxix b'mod definittiv prosekuzzjoni ulterjuri u għalhekk tipprekludix proċedimenti kriminali ġodda, fir-rigward tal-istess atti, f'dak l-Istat jew tipprovdi informazzjoni oħra ta' valur sostanzjali. Hija għandha tibgħat kopja tad-deċiżjoni bil-miktub mogħtija fi tmiem il-proċedimenti kriminali lill-awtorità rikjedenti.	L-awtorità ***li toħroġ id-deċiżjoni finali*** għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar il-waqfien tal-proċedimenti kriminali jew dwar kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fi tmiem il-proċedimenti kriminali, inkluż jekk dik id-deċiżjoni, skont id-dritt nazzjonali tal-Istat rikjest, tipprojbixxix b'mod definittiv prosekuzzjoni ulterjuri u għalhekk tipprekludix proċedimenti kriminali ġodda, fir-rigward tal-istess atti, f'dak l-Istat jew tipprovdi informazzjoni oħra ta' valur sostanzjali. Hija għandha tibgħat kopja tad-deċiżjoni bil-miktub mogħtija fi tmiem il-proċedimenti kriminali lill-awtorità rikjedenti.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Nota Spjegattiva - Rapporteur Kanko - Proposta għal Regolament dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali 2023/0093/COD

It-tixrid tal-kriminalità transfruntiera u speċjalment tal-***kriminalità*** serja mwettqa minn ***gruppi organizzati*** jwassalna llum biex insegwu azzjonijiet ġodda li jissodisfaw il-lakuni fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

Dan huwa importanti b'mod partikolari meta jiġu investigati delitti transnazzjonali mwettqa minn gruppi kriminali organizzati, bħat-traffikar tad-droga, il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar illeċtu tal-armi, ir-reati ambjentali, iċ-ċiberkriminalità jew il-ħasil tal-flus.

In-numru akbar ta' dawk il-każijiet iwassal għal sitwazzjonijiet li fihom diversi Stati Membri għandhom ġurisdizzjoni biex jinvestigaw u jressqu quddiem proċess l-istess reati kriminali jew reati kriminali relatati.

Il-qafas legali frammentat attwali madankollu jiġġenera diversi kwistjonijiet legali u diffikultajiet fil-prattika, u ħafna drabi jagħmlu t-trasferimenti ta' proċedimenti lejn Stat Membru ieħor proċedura ingombranti u mhux dejjem ta' suċċess.

It-trasferimenti tal-proċedimenti huma kkunsidrati bħala l-pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali iżda s'issa kienu fil-biċċa l-kbira immuni mill-influwenza mil-leġiżlatur tal-UE.

Is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali jiffaċċjaw bosta sfidi prattiċi fir-rigward tat-trasferiment ta' proċedimenti kriminali. Din il-lista tinkludi regoli differenti dwar l-evidenza, l-ispiża u l-kwalità tat-traduzzjonijiet, in-nuqqas ta' konsultazzjoni u koordinazzjoni kif ukoll limiti ta' żmien għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu.

Għalhekk, ir-Rapporteur tirrikonoxxi ħtieġa urġenti għal strument ġdid li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri li jistabbilixxi regoli ċari dwar it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali minn Stat Membru għal ieħor.

Ir-Rapporteur tisħaq li l-armonizzazzjoni f'dan il-qasam se tkun pass importanti 'l quddiem u tiffaċilita l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, tevita l-impunità, tevita ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* u tiżgura ġlieda effettiva kontra l-kriminalità transfruntiera.

Ir-Rapporteur temmen li hemm ħtieġa ċara għal leġiżlazzjoni li tgħin biex jiġu esklużi proċedimenti paralleli u ġurisdizzjonijiet li jikkoinċidu li jseħħu f'sitwazzjonijiet fejn ir-reat ikun twettaq f'territorji ta' diversi Stati Membri, jew fejn l-effetti ta' reat iseħħu fuq territorji ta' diversi Stati Membri.

Ir-Rapporteur tappoġġa l-għan ta' proposta ġdida li tipprovdi regoli komuni dwar it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali sabiex tiżdied l-effiċjenza fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u biex jiġi żgurat li l-Istat Membru fl-aħjar pożizzjoni jinvestiga jew jipproċedi reat kriminali.

Ir-Rapporteur madankollu xorta tara lok għal aktar titjib tal-proposta attwali f'termini ta' ċertezza legali, effettività kif ukoll effiċjenza u għalhekk tippreżenta diversi bidliet fit-test tal-Kummissjoni.

Fost l-oħrajn, ir-Rapportteur:

- tiddetermina ambitu aktar xieraq għat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali biex ma jfixkilx l-investigazzjonijiet billi tipproponi approċċ prattiku u tispeċifika li dan ir-regolament għandu japplika għall-każijiet kollha fl-Unjoni rigward is-suspettat;
- testendi d-definizzjoni proposta tal-vittma għal persuni ġuridiċi sabiex tinkludi entitajiet li jkunu sofrew ħsara jew telf ekonomiku bħala riżultat dirett ta' reat kriminali;

- tiċċara r-rwol u d-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati fil-proċedura tat-trasferiment tal-proċediment billi tenfasizza li l-opinjoni negattiva tal-persuna suspettata jew akkużata fir-rigward tat-trasferiment tal-proċedimenti kriminali ma għandhiex tipprevjeni tali trasferiment, peress li tali deċiżjoni hija l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rikjest; jiċċara l-interessi tal-vittmi u d-drittijiet li jingħataw fil-proċess tat-trasferiment tal-proċedimenti billi jintitolaw diġà vittma waħda u mhux biss "maġġoranza tal-vittmi" biex jissuġġerixxu t-trasferiment ta' proċediment kriminali;
- tisħaq li l-persuna suspettata jew akkużata tista' tiġi infurmata bit-trasferiment maħsub ta' proċediment kriminali biss jekk dik l-informazzjoni ma tippreġudikax l-investigazzjoni;
- tressaq skadenzi li jippermettu trasferiment aktar effiċjenti u aktar rapidu tal-proċedimenti kriminali;
- tagħmel il-konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet rikjedenti u rikjesti obbligatorji qabel ma tinħareġ it-talba għal trasferiment ta' proċedimenti kriminali;
- tintroduċi dispożizzjoni ġdida li titlob koordinazzjoni bejn l-awtorità rikjesta u l-awtorità rikjedenti wara t-trasferiment, fir-rigward tal-miżuri provviżorji li jkunu ttieħdu.

Ir-Rapporteur temmen li dan l-istrument il-ġdid se jikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u partikolarment għal kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri.